2023/2480

13.11.2023

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2480

tal-10 ta' Novembru 2023

li japplika tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2023 f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 minħabba sajd żejjed ta' stokkijiet oħra fis-snin ta' qabel u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1661

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 105(1), (2), (3) u (5) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2022 ġew stabbiliti bir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2021/91 ([2]), (UE) 2021/1888 ([3]), (UE) 2022/109 ([4]) u (UE) 2022/110 ([5]).

(2) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2023 ġew stabbiliti bir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2022/2090 ([6]), (UE) 2023/194 ([7]) u (UE) 2023/195 ([8]).

(3) Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru jkun qabeż il-kwoti tas-sajd li kienu allokati lilu, il-Kummissjoni għandha tnaqqas il-kwoti tas-sajd futuri ta' dak l-Istat Membru.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1661 ([9]) stabbilixxa tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet ta' ħut fl-2023 minħabba sajd żejjed fis-snin preċedenti.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/91 tat-28 ta' Jannar 2021 li jiffissa, għas-snin 2021 u 2022, l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 20).
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1888 tas-27 ta' Ottubru 2021 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħrajn (ĠU L 384, 29.10.2021, p. 1).
([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 1).
([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022 (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 165).
([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2090 tas-27 ta' Ottubru 2022 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku, u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ibħra oħrajn (ĠU L 281, 31.10.2022, p. 1).
([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1).
([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195 tat-30 ta' Jannar 2023 dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/110 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 220).
([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1661 tal-24 ta' Awwissu 2023 li japplika tnaqqis mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2023 minħabba sajd żejjed fis-snin preċedenti (ĠU L 210, 25.8.2023, p. 23).

(5) Madankollu, għal ċerti Stati Membri, jiġifieri d-Danimarka, Spanja, in-Netherlands u l-Polonja, ma seta' jsir ebda tnaqqis bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1661 mill-kwoti tas-sajd allokati għall-istokkijiet li jkunu ġew mistada żżejjed, għaliex dawn il-kwoti mhumiex disponibbli għal dawk l-Istati Membri fis-sena 2023.

(6) L-Artikolu 105(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jipprevedi li, meta ma jkunx jista' jsir tnaqqis b'rabta mal-istokk fejn ikun sar sajd żejjed fis-sena ta' wara dik li fiha jkun sar sajd żejjed minħabba li l-Istat Membru kkonċernat ma jkollux kwoti disponibbli għal dak l-istokk ta' ħut, jista' jsir tnaqqis b'rabta ma' stokkijiet oħra fl-istess żona ġeografika jew bl-istess valur kummerċjali, wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri kkonċernati.

(7) Skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2022/C 369/03 dwar il-linji gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 ([10]) ("il-Linji Gwida") tali tnaqqis preferibbilment jenħtieġ li jsir mill-kwoti allokati għall-istokkijiet mistada mill-istess flotta li tkun wettqet sajd żejjed mill-kwota.

(8) L-Istati Membri kkonċernati ġew ikkonsultati b'rabta mat-tnaqqis propost mill-kwoti tas-sajd allokati għal stokkijiet oħrajn minbarra dawk li ġew mistada żżejjed. Għalhekk, huwa xieraq li jsir it-tnaqqis minn dawk il-kwoti tas-sajd alternattivi allokati lil dawk l-Istati Membri fl-2023.

(9) F'ċerti każijiet, l-iskambji tal-opportunitajiet tas-sajd konklużi f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]) jippermettu t-tnaqqis b'rabta mal-istess stokkijiet fil-kuntest tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1661.

(10) Barra minn hekk, jidher li ċertu tnaqqis previst mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1661 jeċċedi l-kwota adattata disponibbli fis-sena 2023 u, b'riżultat ta' dan, ma jistax isir kollu f'dik is-sena. Skont il-Linji Gwida, jenħtieġ li l-ammonti li jifdal jitnaqqsu mill-kwoti adattati disponibbli fis-snin ta' wara sa ma jintradd lura l-ammont kollu tas-sajd eċċessiv.

(11) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1661 jiġi emendat skont dan.

(12) Il-Linji Gwida msemmija hawn fuq issostitwew il-Komunikazzjoni 2012/C 72/07 biex tiġi adattata, fejn applikabbli, l-iskeda taż-żmien għat-tnaqqis f'każ li tinqabeż waħda mill-kwoti għall-istokkijiet ġestiti mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd għall-iskeda taż-żmien għat-tnaqqis ta' dawn l-istokkijiet stipulata fl-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd ikkonċernati. Ir-Rakkomandazzjoni 21-01 tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) dwar programm pluriennali għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn tropikali ([12]) kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni 22-03 tal-ICCAT għall-konservazzjoni tal-pixxispad tat-Tramuntana tal-Atlantiku ([13]) jistabbilixxu li kwalunkwe eċċess tal-kwota annwali aġġustata għas-sena 2022 irid jitnaqqas mill-kwota/limitu tal-qbid rispettivi għall-2024. Abbażi ta' dan, it-tnaqqis — inkluż dak li jirriżulta minn fatturi ta' multiplikazzjoni applikabbli — minħabba sajd eċċessiv mill-Portugall stabbilit fl-2022 għall-istokk tat-tonn obeż fl-Oċean Atlantiku (BET/ATLANT) u l-istokk tal-pixxispad fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N (SWO/AN05N), it-tnejn ġestiti mill-ICCAT, jenħtieġ li jiġi applikat biss fl-2024.

(13) Xorta jistgħu jseħħu aktar aġġornamenti jew korrezzjonijiet wara d-detezzjoni, għall-eżerċizzji attwali jew preċedenti, ta' żbalji, omissjonijiet jew rappurtar ħażin fiċ-ċifri tal-qbid iddikjarati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009,

([10]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar linji gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, u li tissostitwixxi l-Komunikazzjoni 2012/C 72/07 (2022/C 369/03) (ĠU C 369, 27.9.2022, p. 3).

([11]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([12]) Ir-Rakkomandazzjoni 21-01 tal-ICCAT li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni 19-02 li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni 16-01 dwar programm pluriennali għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn tropikali.

([13]) Ir-Rakkomandazzjoni 22-03 tal-ICCAT li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni supplimentari 21-02 li testendi u temenda r-Rakkomandazzjoni 17-02 għall-konservazzjoni tal-pixxispad tat-Tramuntana tal-Atlantiku.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwoti tas-sajd stabbiliti għas-sena 2023 fir-Regolamenti (UE) 2022/2090, (UE) 2023/194 u (UE) 2023/195, imsemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, għandhom jitnaqqsu billi jiġi applikat it-tnaqqis fuq l-istokkijiet alternattivi stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1661 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

TNAQQIS MILL-KWOTI TAS-SAJD GĦAS-SENA 2023 LI JRIDU JIĠU APPLIKATI FUQ STOKKIJIET ALTERNATTIVI

STOKKIJIET MISTADA ŻŻEJJED							STOKKIJIET ALTERNATTIVI					
Stat Membru	**Kodiċi tal-ispeċi**	**Kodiċi taż-żona**	**Isem l-ispeċi**	**L-isem taż-żona**	**Kwantità li ma tistax titnaqqas mill-kwota tas-sajd għall-2023 għall-istokk mistad iżżejjed (f'tunnellati)**		**Stat Membru**	**Kodiċi tal-ispeċi**	**Kodiċi taż-żona**	**Isem l-ispeċi**	**L-isem taż-żona**	**Kwantità li trid titnaqqas mill-kwota tas-sajd tal-2023 għall-istokkijiet alternattivi (f'tunnellati)**
DNK	HER	5B6ANB	Aringa	6b u 6aN; L-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali ta' 5b	8,077		**DNK**	MAC	2CX14-	Kavalli	6, 7, 8a, 8b, 8d u 8e; l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali ta' 5b; l-ilmijiet internazzjonali ta' 2a, 12 u 14	8,077
DNK	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	2,038		**DNK**	HER	1/2-	Aringa	L-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali ta' 1 u 2	2,038
DNK	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	17,317		**DNK**	HER	1/2-	Aringa	L-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali ta' 1 u 2	17,317
ESP	GHL	1N2AB.	Ħalibatt ta' Greenland	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	33,521		**ESP**	HER	1/2-	Aringa	L-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali ta' 1 u 2	33,521
ESP	HAD	1N2AB.	Merluzz tal-linja sewda	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	17,409		**ESP**	REB	1N2AB.	Redfish	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	17,409

ESP	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	53,171		**ESP**	COD	1N2AB.	Bakkaljaw	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	53,171
ESP	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	8,163		**ESP**	HER	1/2-	Aringa	L-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali ta' 1 u 2	0,479
								COD	1N2AB.	Bakkaljaw	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	0,540
								REB	1N2AB.	Redfish	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	7,144
NLD	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	43,097		**NLD**	HER	1/2-	Aringa	L-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Gżejjer Faeroe, dawk Norveġiżi u dawk internazzjonali ta' 1 u 2	43,097
POL	MAC	2A34.	Kavalli	3a; l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3b, 3c, 3d u 4	10,934		**POL**	HER	3D-R30	Aringa	L-ilmijiet tal-Unjoni tas-suddiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32	10,934

ANNESS II

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1661 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS

TNAQQIS MILL-KWOTI TAS-SAJD GĦAS-SENA 2023 GĦALL-ISTOKKIJIET MISTADA B'MOD EĊĊESSIV

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	L-isem taż-żona	Kwota oriġinali ghall-2022 (f'tunnellati)	Ħatt l-art permess ghall-2022 (kwantità adattata totali f'tunnellati) (1)	Qabdiet totali li saru fl-2022 (kwantità f'tunnellati)	Konsum tal-kwota meta mqabbel mal-ħatt l-art permess fl-2022	Sajd żejjed imqabbel mal-ħatt l-art permess fl-2022 (kwantità f'tunnellati)	Fattur ta' multiplikazzjoni (2)	Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni (3) (4)	Tnaqqis pendenti mis-sena/snin ta' qabel (5) (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd ghall-2023 (6) u ghas-snin ta' wara (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd ghall-2023 ghall-istokkijiet mistada żżejjed (7) (kwantità f'tunnellati)	Tnaqqis mill-kwoti tas-sajd ghall-2023 ghall-istokkijiet mistada żżejjed (kwantità f'tunnellati)	Ammont li ghandu jitnaqqas mill-kwoti tas-sajd ghall-2024 u ghas-sena/snin ta' wara (kwantità f'tunnellati)
BE	SRX	07D.	Rebekkini u raj	7d	134,000	136,500	137,765	100,93 %	1,265	/	/	/	1,265	1,265	/	/
BE	SRX	67AKX-D	Rebekkini u raj	L-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni ta' 6a, 6b, 7a-c u 7e-k	814,000	1 207,000	1 209,702	100,22 %	2,702	/	/	/	2,702	2,702	/	/
DE	HER	4AB.	Aringa	L-ilmijiet tal-Unjoni, tar-Renju Unit u dawk Norveġiżi taż-żona 4 fit-Tramuntana ta' 53° 30′ N	41 147,000	37 114,880	38 224,556	102,99 %	1 109,676	/	A (8)	/	1 109,676	1 109,676	/	/
DE	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	71,000	72,800	92,797	127,47 %	19,997	1,00	/	/	19,997	0	/	19,997
DK	COD	03AN.	Bakkaljaw	Skagerrak	1 515,000	1 503,751	1 521,783	101,20 %	18,032	/	C (8)	/	18,032	18,032	/	/
DK	COD	2A3A-X4	Bakkaljaw	4; l-ilmijiet tar-Renju Unit ta' 2 a; il-parti taż-żona 3a li mhix koperta mill-Iskagerrak u mill-Kattegat	1 951,000	1 980,700	2 018,970	101,93 %	38,270	/	C (8)	/	38,270	38,270	/	/
DK	HAD	03 A.	Merluzz tal-linja sewda	3a	2 225,000	2 508,851	2 735,449	109,03 %	226,598	/	C (8)	/	226,598	226,598	/	/

DK	HER	5B6AN-B	Aringa	6b u 6aN; L-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali ta' 5b	/	/	8,077	Mhux applikabbli	8,077	1,00	/		8,077	/	8,077	/
DK	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	2,038	Mhux applikabbli	2,038	1,00	/	/	2,038	/	2,038	/
DK	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	17,317	Mhux applikabbli	17,317	1,00	/	/	17,317	/	17,317	/
DK	PRA	4N-S62	Gamblu tat-Tramuntana	L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N	200,000	203,000	205,041	101,01 %	2,041	/	/	/	2,041	2,041	/	/
DK	SPR	03 A.	Laċċa kaħla u l-qabdiet aċċessorji marbutin magħha	3a	8 422,000	20,186	34,428	170,55 %	14,242	1,00	/	/	14,242	14,242	/	/
DK	WHB	1X14	Stokkafixx	L-ilmijiet tar-Renju Unit, dawk tal-Unjoni u dawk internazzjonali ta' 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14	36 723,000	45 035,026	45 516,979	101,07 %	481,953	/	/	/	481,953	481,953	/	/
ES	ALF	3X14-	Fonsa ħamra	L-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12 u 14	51,000	58,000	59,069	101,84 %	1,069	/	/	/	1,069	1,069	/	/
ES	COD	1/2B.	Bakkaljaw	1 u 2b	9 688,000	9 290,212	9 409,547	101,28 %	119,335	/	A ([8])	/	119,335	119,335	/	/
ES	COD	1N2AB.	Bakkaljaw	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	2 602,000	2 744,006	2 804,069	102,19 %	60,063	/	/	/	60,063	0	/	60,063

ES	GHL	1N2AB.	Ħalibatt ta' Green-land	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	32,719	55,066	168,30 %	22,347	1,00	A	/	33,521	/	33,521	/
ES	HAD	1N2AB.	Merluzz tal-linja sewda	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	0,554	17,963	3 242,42 %	17,409	1,00	/	/	17,409	/	17,409	/
ES	OTH	1N2AB.	Speċijiet ohra	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	/	35,447	Mhux applikabbli	35,447	1,00	A	/	53,171	/	53,171	/
ES	POL	08C.	Pol-lakkju	8c	149,000	172,001	173,627	100,95 %	1,626	/	/	/	1,626	1,626	/	/
ES	POK	1N2AB.	Pol-lakkju iswed	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	17,250	25,413	147,32 %	8,163	1,00	/	/	8,163	/	8,163	/
ES	REB	1N2AB.	Redfish	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	106,000	103,211	104,593	101,34 %	1,382	/	/	/	1,382	1,382	/	/
ES	RJU	9-C.	Raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9	15,000	18,000	19,348	107,49 %	1,348	/	/	/	1,348	0	/	1,348
FR	JAX	4BC7D	Sawrell u l-qabdiet aċċes-sorji marbu-tin mieghu	L-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni ta' 4b, 4c u 7d	267,000	396,532	461,312	116,34 %	64,780	1,00	/	/	64,780	64,780	/	/
FR	RJE	7FG.	Raja ghe-wejna	7f u 7 g	36,000	57,000	83,299	146,14 %	26,299	1,00	/	/	26,299	26,299	/	/
FR	RJU	8-C.	Raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 8	13,000	23,000	24,081	104,70 %	1,081	/	/	/	1,081	1,081	/	/
IE	HER	6AS7BC	Aringa	Iż-żoni 6aS, 7b u 7c	1 236,000	1 267,563	1 298,400	102,43 %	30,837	/	/	/	30,837	30,837	/	/
IE	POK	1N2AB.	Pol-lakkju iswed	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	28,810	51,017	177,08 %	22,207	1,00	/	/	22,207	22,207	/	/

MT	ALB	MED	Alonga tal-Mediterran	Il-Baħar Mediterran	41,190	41,190	49,876	121,09 %	8,686	1,00	/	/	8,686	8,686	/	/
NL	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2	/	4,000	47,097	1 177,43 %	43,097	1,00	/	/	43,097	/	43,097	/
PL	MAC	2A34.	Kavalli	3a; l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3b, 3c, 3d u 4	/	/	10,934	Mhux applikabbli	10,934	1,00	/	/	10,934	/	10,934	/
PT	ALF	3X14-	Fonsa ħamra	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12 u 14	145,000	142,314	145,155	102,00 %	2,841	/	A ([8])	/	2,841	2,841	/	/
PT	BET	ATLAN-T	Tonn obeż	l-Oċean Atlantiku	3 106,230	3 022,850	3 206,898	106,09 %	184,048	/	/	/	/ ([9])	/ ([9])	/	184,048 ([9])
PT	RJU	9-C.	Raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9	15,000	32,000	33,907	105,96 %	1,907	/	/	/	1,907	1,907	/	/
PT	SWO	AN05N	Pixxis-pad	l-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N	1 161,840	1 687,840	1 738,632	103,01 %	50,792	/	/	/	/ ([10])	/ ([10])	/	50,792 ([10])
SE	I/F	04-N	Ħut industrijali	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żona 4	800,000	800,000	808,349	101,04 %	8,349	/	/	/	8,349	8,349	/	/

([1]) Il-kwoti disponibbli għal Stat Membru skont ir-Regolamenti rilevanti dwar l-opportunitajiet tas-sajd wara li jitqiesu l-iskambji tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22), it-trasferimenti tal-kwoti mill-2021 għall-2022 f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3) u f'konformità mal-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jew ir-riallokazzjoni u t-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

([2]) Kif stipulat fl-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Tnaqqis ekwivalenti għas-sajd eċċessiv * 1,00 għandu japplika fil-każijiet kollha tas-sajd eċċessiv ta' 100 tunnellata jew inqas.

([3]) Kif stipulat fl-Artikolu 105(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u dejjem jekk is-sajd eċċessiv ikun jaqbeż l-10 %.

([4]) L-ittra 'A' tindika li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 peress li kien hemm sajd eċċessiv konsekuttiv fl-2020, fl-2021 u fl-2022. L-ittra 'C' tindika li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 peress li l-istokk ikun soġġett għal pjan pluriennali.

([5]) Il-kwantitajiet li jifdal mis-sena/snin ta' qabel.

([6]) It-tnaqqis li għandu jsir fl-2023.

([7]) It-tnaqqis li għandu jsir fl-2023 li jista' jsir fir-realtà meta wieħed iqis il-kwota disponibbli fl-1 ta' Settembru 2023.

([8]) Il-fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ma jkunx applikabbli peress li s-sajd eċċessiv ma jaqbiżx l-10 % tal-ħatt l-art permess.

([9]) Ir-Rakkomandazzjoni 21-01 tal-ICCAT tistabbilixxi li kwalunkwe eċċess tal-kwota aġġustata annwali fl-2022 għandu jitnaqqas mil-limitu tal-kwota/tal-qbid rispettiv għall-2024.

([10]) Ir-Rakkomandazzjoni 22-03 tal-ICCAT tistabbilixxi li kwalunkwe eċċess tal-kwota annwali aġġustata fl-2022 għandu jitnaqqas mil-limitu rispettiv tal-kwota/qbid għall-2024."